**19 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Henry Pace

**Impjegat — "Minimum Wage" — "Learner" — "Projectionist" — Talkies — "Improver" Art. 6. Cinematographs (Licensing of Projectionist) Regulations, 1954 — G.N. 552 tal-1954 u 664 tal-1957.**

*Sabiex "learner" jikkwalifika għal "assistant projectionist" jeħtieġ, fost kondizzjonijiet oħra, li jkun għamel sentejn tiroċinju fil-"calling" ta' "projectionist", u li jkun tal-età bejn is-16 u d-19 il-sena.*

*Għall-eventwalità li l-impjegat jagħlaq id-19 il-sena qabel ma jkun għamel dawk is-sentejn "training", u hekk qabel ma jkun ikkompleta t-tiroċinju ta' sentejn. il-liġi kkreat il-figura ta' "improver".*

*Fl-istat tal-liġi attwali, l-"improver" li jagħlaq dżatax il-sena*

*ma hux intitolat għall-ħlas tal-"minimum wage" preskritt għall-"other employees", imma għall-ħlas ta' dik il-kategorija li in sostanza hu baqa' fiha, ċjoè ta' "learner"; u dan avvolja l-prinċipal ma jkunx talab il-permess tad-Direttur tax-Xogħol biex dak l-impjegat, meta għalaq id-19 il-sena ikompli bħala "improver" minflok "learner".*

Dan hu appell magħmul mill-imputat minn sentenza pronunzjata mill-Qorti Kriminali tal-Maġiġstrati ta' Malta fl-10 ta' Settembru 1960, li biha l-imputat, bħala Managing Director tas-Savoy Theatre Valletta, ġie misjub ħati talli kiser il-kondizzjonijiet tax-xogħol preskritti mill-liġi fl-Ordni Nru. VIII (Cinemas and Theatres Wages Council Wages Regulation Order 1957, G.N. 664/57), billi naqas li jħallas il-minimum wage tal-impjegat tiegħu Vincent Magri matul il-perijodu tal-impjeg tiegħu mid-9 ta' Lulju 1958 sat-30 ta' April 1960, u kkundannatu għall-piena ta' £5; u di pjù laqgħet it-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni fis-sens li kkundannatu wkoll iħallas lill-imsemmi Vincent Magri s-somma ta' £172, differenza bejn il-pagi lilu mogħtija u dawk li effettivament kellhom jiġu mħallsa;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi fis-27 ta' April 1958 l-imputat, bħala "licencee" u Managing Director tas-Savoy Theatre, impjega miegħu bħala "learner projectionist" lil Vincent Magri. Hu risaput illi, sabiex "learner" jikkwalifika għal "assistant projectionist", jeħtieġ, fost kondizzjonijiet oħra, li jkun għamel "two years training in the calling of projectionist" (ara art. 6 tas-Cinematographs (Licencing of Projectionist) Regulations, 1954). Hu anki risaput illi "learner" irid ikun ta' età ta' bejn is-16 il-sena u 19 il-sena. Ġara, f'dan il-każ, illi l-imsemmi Vincent Magri għalaq 19 il-sena fid-9 ta' Lulju 1958 meta kien għadu ma kkompletax it-tiroċinju ta' sentejn. Il-liġi, però, bil-Gov. Not. 552

tal-1954, ipprovdiet għal din l-eventwalità billi kkreat il-figura ta' "improver", li ġiet legalment definita bħala li tfisser "a person over the age of nineteen years who is learning the calling of projectionist with the permission of the Director". Fil-fatt, l-imputat baqa' jħallas lil Magri l-minimum wage ta' "learner projectionist";

Il-Prosekuzzjoni qegħda ssostni illi, peress li l-imputat naqas milli jitlob li dan Magri jkompli jitrawwem bħala "improver", għalhekk il-minimum wage tiegħu kellha tkun, minn mindu laħaq id-19 il-sena, 99s. fil-ġimgħa, skond it-tieni kolonna tat-tieni paragrafu tal-Iskeda kontenuta fil-G.N. 664 tal-1957. Anzi, verament, u dan hu l-importanti, il-Prosekuzzjoni tippretendi illi, anki kieku l-imputat talab li Magri jibqa' jitrawwem bħala "improver" il-"wage" lilu pagabbli kienet tkun dejjem dik ta' disgħa u disgħejn xelin (99s.) fil-ġimgħa pagabbli għal "other employees";

Ikkunsidrat;

Il-figura ta' "improver" ġiet introdotta fl-1954. Il-Wage Regulation Order No. 8, bit-tieni paragrafu dwar il-minimum wage, ġie publikat wara, ċjoè fl-1957; u ntant il-leġislatur ma semma b'xejn, fl-ewwel kolonna tat-tieni paragrafu tal-Order, l-"improver";

Issa, l-Prosekuzzjoni qegħda ssostni illi, ladarba l-liġi ma semmietx l-"improver" f'dik l-Iskeda, allura l-"improver" għandu jitqies bħala li jaqa' taħt il-kategorija ta' "other employees", bid-dritt għall-minimum wage relattiva;

Wara li rriflettiet fuq il-każ, din il-Qorti ssib li ma tistgħax taċċetta din il-konklużjoni; għaliex hija kontra l-loġika ġuridika. Jidher, inveċe, ġust illi wieħed jirritjeni li jekk fl-Iskeda ġie ommess l-"improver", allura l-"casus omissus" għandu jiġi raġjonevolment rimedjat (sakemm issir, jekk ikun il-każ, emenda fil-liġi) billi l-figura ta' "improver" tiġi rikondotta taħt dik il-kategorija, fost dawk imsemmijin fit-tieni paragrafu, li l-aktar "proxime eccedit". Il-Prosekuzzjoni tgħid li din hija dik ta' "other employees";

Issa, il-figura ta' "employee" ma tippartecipax affattu

minn natura ta' "improver"; għaliex "employee" jista' jkun bniedem illi fil-fatt ma hux qiegħed jitgħallem ebda sengħa; jista' jkun, anzi, sempliċi fattiga. Mentri minn naħa l-oħra, il-figura ta' "improver" tattalja ruħha, bla diffikultà ta' xejn, ma' dik ta' "learner"; għaliex "learner" u "improver" huma dak il-bniedem li preċiżament qiegħed isegwi kors ta' sentejn fis-sengħa ta' "projectionist", u d-differenza hija biss dik aċċidentali tal-età, inkwantokkè bniedem ikun "learner" sakemm jagħlaq id-19 il-sena, u jsir "improver" meta jagħlaq id-dżatax (19). Fi kliem ieħor, id-differenza bejn "learner" u "improver" hija merament waħda ta' nomenklatura, iżda mhux ta' sustanza; mentri, għall-kuntrarju, id-differenza bejn "improver" u "other employee" hija waħda essenzjalment ta' sustanza, għax l-"employee" jista' ma jkunx qiegħed jitgħallem xejn, u ċert li ma jkunx qiegħed isegwi ebda kors ta' sentejn għal "projectionist";

Minn dan li ingħad tinżel loġika, anzi inevitabbli, il-konsegwenza li fl-istat tal-liġi, u aktar partikolarment fl-imsemmija deficjenza tat-tieni paragrafu tal-Iskeda, il-"learner", li jsir "improver" bl-għeluq ta' 19 il-sena, ma hux intitolat għall-ħlas minimum tal-kategorija ta' "other employees", li hi għal kollox estranea għalieh, imma għall-ħlas ta' dik il-kategorija li in sostanza, kif ingħad, hu baqa' fiha, ċjoè dik ta' "learner";

Ma hux inutili li l-ġudikant jirrileva illi fit-tieni paragrafu fuq imsemmi, immedjatament qabel iż-żewġ kolonni waħda tal-kategoriji u l-oħra tal-minimum wage, hemm il-kliem li fiċ-ċirkustanzi fuq rilevati ma jistgħux ħlief ikollhom piż rilevanti fl-interpretazzjoni, ċjoè l-kliem "irrespective of age" — liema kliem xi ħaġa għandhom ifissru, meta wieħed iżomm dejjem quddiem għajnejh li sostanzjalment "improver" huwa l-istess "learner" li għalaq 19 il-sena;

Lanqas jista' jingħad, in suffraġju tat-teżi tal-Prosekuzzjoni, illi l-imputat ma ħax il-permess tad-Direttur tax-Xogħol biex Magri, meta għalaq id-19 il-sena, ikompli

bħala "improver" minflok "learner". U ma jistgħax jingħad hekk għal dawn ir-raġunijiet:—

1. In-nuqqas ta' permess ma jbiddlex is-sustanza tal-ħaġa, ċjoè ma jbiddelx illi "learner", meta jagħlaq id-19 il-sena, isir "improver". Dak in-nuqqas jista', "si et quatenus", iġib għal kontravvenzjoni oħra, li ma hix però quddiem il-Qorti;

2. L-istess tibqa', "in ogni caso", id-diffikultà tal-Prosekuzzjoni, għaliex ma hemm l-ebda raġuni, stante dak li ngħad fuq, li "learner" li jagħlaq id-19 il-sena, anki jekk ma jintalabx il-permess, jiġi klassifikat arbitrarjament ma' kategorija li ma għandha x'taqsam xejn miegħu, ċjoè dik ta' "other employees";

Għalhekk, "in lege condita", u salv dak li jista' jkun spedjenti jew le li jsir "in lege condenda", il-"learner" li jagħlaq 19 il-sena għandu jitqies li sar "improver", iżda baqa', kwantu għall-minimum wage, fil-kategorija konnaturali ta' "learner"; salv illi l-"employee" li ma jkunx talab il-permess ikun passibbli, "si et quatenus", ta' vjolazzjoni diversa tal-liġi. Dina hija l-unika nterpretazzjoni li tista' tingħata fl-istat tal-liġi kif inhi, u mingħajr ma l-ġudikant jisforza ndebitament it-test tagħha;

Għal dawn r-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.